**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 66/2021 RM**

**Dr. Victoria Bondin**

**-Vs-**

**Latizia[1] Micallef**

**Illum, 19 ta' April 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Dr. Victoria Bondin fir-Reġistru tal-Qorti fit-23 ta' Marzu 2021 fejn talbet li l-konvenuta Latizia Micallef tiġi kkundannata tħallasha l-massimu kontemplat fil-liġi u ċioe fil-Kapitolu 579 tal-liġijiet ta' Malta, jew ammont verjuri li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa bħala danni in riparazzjoni tal-malafama li hija sofriet b'konsegwenza tal-posts imtella' minnek fuq is-social media, fuq numru ġranet kif ser ikun ippruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża bil-għan li jtellef u jnaqqas ir-reputazzjoni, l-integrit' u l-unur tar-rikorrenti.

[1] Isem sostitwit skont digriet mogħti fit-3 ta' Mejju 2021 minflok l-isem 'Latetitia'.

Illi l-intimata ppublikat posts li huma malafamanti u libellizi kontra l-attriċi billi attakkatilha l-integrita', l-unur u r-reputazzjoni professjonali permezz ta' allegazzjonijiet u/jew insinwazzjonijiet għal kollox invertieri u foloz kif ser ikun ippruvat.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija inġunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta pprezentata mill-konvenuta fit-30 ta' April 2021 fejn eċċepiet:-

1. *Illi primarjament l-isem tal-eċċipjent qiegħed miktub skorettament fl-occhio ta' dawn il-proċeduri u għandu jiġi korrett sabiex minflokk "Leatitia" jaqra " Latizia";*

2. *Illi t-talba mressqa mir-rikorrenti fil-konfront tal-eċċipjenti hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti. Dan għas-segwenti raguni:*

   a. *Illi m'hemmx kelma waħda minn dawk miktuba u ppublikati mill-eċċipjent fuq is-sit tal-midja soċjali, illi tista' b'xi mod titqies bħala malafamanti jew ingurjuza fil-konfront tar-rikorrenti Dr. Victoria Bondin. L-eċċipjenti ppublikat biss b'mod dettaljat il-fatti preċiżi tal-esperjenza tagħha mal-attriċi meta fdat lill-istess attriċi bil-kura tal-kelba tagħha sabiex tnaddaf snien l-istess. Liema "tindif" irriżulta fl-estrazzjoni tas-snien kollha tal-kelba, mingħajr ma ntallab kunsens tal-eċċipjenti. Dan l-aġir wassal sabiex l-eċċipjenti qegħda ssoffri uġigh ta' qalb kbira, sabiex tikkura l-kelba tagħha illi qiegħda issa tgħix fi skumdita u uġigh, tant illi kull ma tista tiekol għall-kumplament ta' ħajjitha huwa ikel likwidu, kif hell sejjer jirriżulta tul is-smiegħ ta' din il-kawża;*

b. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak suespost u filwaqt illi mill-ġdid ittenni l-verita ta' dak ppublikat minnha, l-eċċipjenti tirrileva illi t-talba illi hija tiġi kkundannata tħallas il-massimu kontemplat fil-liġi u ċioe fil-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta – meta l-massimu għandu jkun riżervat għal-allegazzjonijiet- gravissimi u inveritieri – għandha wkoll tiġi miċħuda, u l-eventwali somma kkundannata tkun tikkonforma mad-diversi ċirkostanzi tal-kaz;*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri"*

Rat id-digriet tagħha mogħti fit-3 ta' Mejju 2021 fejn bagħtet lill-partijiet biex jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni li kellu jiġi konkluż sa mhux iktar tard minn tliet xhur;

Rat illi dan it-terminu ġie estiż b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2021;

Rat l-ordni tagħha tad-9 ta' Novembru 2021 fejn irrevokat id-digriet tat-3 ta' Mejju 2021 u ordnat is-smigħ tal-provi quddiemha biex il-kawża tiġi trattata u deċiża minnha;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha prodotti mill-partijiet;

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023 iddikjarat l-istadju tal-provi u tal-kontro-eżamijiet magħluq definittivament;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukat tal-konvenuta fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat illi ma hemm ebda impediment għall-prolazzjoni tas-sentenza llum;

Ikkunsidrat;

L-attriċi qiegħda timpunja bl-azzjoni għal malafama, diversi *posts* ippubblikati mill-konvenuta fuq il-midja soċjali fuq numru ta' ġranet, bejn it-8 ta' Jannar 2021 u l-10 ta' Jannar 2021 u fl-14 ta' Jannar 2021 u t-tliet ijiem sussegwenti. Il-konvenut ma tikkontestax illi hija pubblikat il-*posts* allegatament malafamant attribwiti lilha u lanqas tikkontesta illi dawn ġew ippubblikati fil-perijodu ta' żmien indikat mill-attriċi.

Il-Qorti rat il-messaġġi u kummenti tal-konvenuta pubblikati fuq il-profili fuq Facebook "*Are you being served? (Malta & Gozo) Original*"[2], '*Pets & Vets Veterinary Clinic'*[3], tal-konvenuta nnifisha u oħrajn mhux identifikati, liema pubblikazzjonijiet ġew esebiti mill-attriċi flimkien mal-Affidavit tagħha u tosserva li l-attriċi naqset milli tidentifika fost id-diversi pubblikazzjonijiet, dawk li fil-fehma tagħha huma malafamanti. Dan qed jingħad mhux biss għaliex huwa evidenti li mhux il-pubblikazzjonijiet kollha jistgħu jitqiesu li huma *prima facie* malafamanti, iżda wkoll għaliex huwa l-obbligu tal-persuna aggravata li tidentifika l-pubblikazzjonijiet jew okkorrendo, is-silta jew siltiet allegatament malafamanti u li tipprova wkoll l-imputazzjonijiet li jinsiltu mill-pubblikazzjoni jew siltiet u li dawn huma malafamanti. Minn dan kollu, l-attriċi fil-każ in diżamina ma għamlet xejn għajr ipproduċiet il-*posts* kollha li ġew ippubblikati mill-konvenuta b'rabta mal-operazzjoni tal-kelb tagħha, mingħajr ma identifikat dawk il-pubblikazzjonijiet partikolari li ħassitha aggravata bihom u mingħajr lanqas fissret l-imputazzjonijiet malafamanti jew xehdet dwar il-ħsara sejra li saret lir-reputazzjoni tagħha.

[2] Paġni 32,33, 40, 43, 46 tal-atti tal-kawża.
[3] Paġni 29 u 29 tal-atti tal-kawża.

L-attriċi esebiet diversi pubblikazzjonijiet li hija tgħid ġew ippubblikati, fosthom is-segwenti:

"*Why don't you close the doors instead of posting this crap. You "Dr" Victoria Bondin took out all of my dog's teeth without my consent. You are so irresponsible and have no professionalism (sic.) whatsoever. I will never stop showing the world what you did to my dog!*"[4]

"*... they don't take good care of our dear pets, believe me, all they see is money*"[5]

"*... she shouldnt be trusted at all costs!*"[6]

"*I will never stop showing the world what "Dr" Victoria Bondin did to my dog. She her life forever. Below is a photo of my 3 YEAR OLD DOG before and after. To add insult to injury today and I went to ask her for a case report (which is my right to have) and she told me what do you need this case report for? I will speak to my lawyer about this and about the way you spoke to me on the phone. Can anyone believe this because I truly cannot, I dont know what she expected my reaction would be, after pulling out all of her teeth without my consent!"*[7]

"*AVOID this veterinary clinic at all costs. Crazy 'doctors' pretending to take care of our most beloved pets!*"[8]

"*AVOID THIS PLACE AT ALL COSTS IF YOU LOVE YOUR PET! First of all I am writing this review so that nobody will pass from the same nightmare I had with these so-called 'veterinarian' especially Dr. Victoria Bondin. For me they are nothing more*

---

[4] Paġna 29 tal-atti tal-kawża.
[5] Paġna 29 tal-atti tal-kawża.
[6] Paġna 36 tal-atti tal-kawża.
[7] Paġna 40 publikat fuq "*Are you being Served? (Malta & Gozo) Original*'.
[8] Paġna 43 publikat fuq "*Are you being Served? (Malta & Gozo) Original*'.

*than irresponsible, unprofessional and ignorant people. All they do is for money not for the well-being of the animal.*

*I have my 3 year old Biewer Terrier which I took there to have her teeth cleaned because she had bad breath. As soon as I got there they made me sign a contract and asked me to leave the dog there. This was at 11 in the morning. By 3 they still didn't even bothered to call me to tell me how my dog's procedure was going. I called myself and they had told me they have extracted all eighteen of my dog's teeth without even advising me beforehand. I was so shocked i couldn't believe what I was hearing. "Dr." Victoria had told me that my dog's teeth were unsavable and that they needed to be removed asap. Even though this might have been true I still wanted to get a second opinion before going on with the prodedure. The day after i decided to recall the clinic to ask them whether I could go pick up my dog's teeth (in which case the day before they had told me that her teeth were still in the clinic in case I needed to see them). "Dr" Victoria told me that the teeth are no longer in the clinic as they had thrown them away due to lack of space in the fridge.*

*Bare in mind that this was all done without even taking proper X-rays of my dog's mouth. My dog is now left unable to eat properly and her tounge sticking out of the side of her mouth permanently. All of this at the cost of 255 euro. But the most important thing for "Dr." Victoria Bondin is that the dog has recovered.*"[9]

Il-Qorti tosserva illi l-pubblikazzjoni li saret bħala *review* fuq is-sit ta' '*Pets & Vets Veterinary Clinic'*[10], ma ġietx mitkuba mill-konvenuta iżda minn Matthew Micallef. Billi ma ntweriex illi l-konvenuta kienet l-awtriċi ta' dan il-kumment jew ippubbikatu hijs stess, u huwa eskluż ukoll li kellha kontroll editorjali fuq il-profil fuq Facebook ta' Perts & Vets Veterinary Clinic, l-azzjoni fil-konfront tal-konvenuta fir-rigward ta' din il-pubblikazzjoni, anke jekk titqies li hi diffamatorja għall-attriċi, ma tistax tirnexxi.

Il-Qorti tibda biex tosserva li mhux il-kompitu tagħha f'din il-kawza biex tiddeċiedi jekk id-deċiżjoni tal-attriċi li taqla' s-snien kollha tal-kelba tal-konvenut kienetx waħda tajba jew ġustifikata jew jekk kellhiex jew kisbitx il-kunsens tal-konvenuta

---

[9] Pubblikazzjoni intestata "*Letizia's post*" f'paġna 44 u 45 tal-atti tal-kawża.

[10] F'paġna 39 tal-atti tal-kawża.

biex tagħmel dan matul proċedura li kienet maħsuba għat-tindif tas-snien. Il-Qorti f'din il-kawża hija msejħa biss biex tiddeċiedi jekk il-pubblikazzjonijiet tal-konvenuta jew uħud minnhom humiex malafamanti fil-konfront tal-attriċi għaliex ikkaġunawlha ħsara sejra lir-reputazzjoni tagħha.

Fin-nuqqas tal-attriċi li tidentifika hija stess l-istqarrijiet allegatament malafamanti l-imputazzjonijiet li jitwasslu mill-pubblikazzjonijiet impunjati, il-Qorti wara li qrat il-pubblikazzjonijiet esebiti mill-attriċi, tislet mill-kumpless tagħhom is-segwenti imputazzjoni:-

- Illi l-attriċi hija tabib veterinarju inkompetenti li teżerċita l-professjoni tagħha b'mod irresponsabbli u b'nuqqas ta' ħila u professjonaliżmu u jinteressaha biss il-flus u mhux il-benessere tal-annimal, tant illi l-pubbliku għandu jevita li jagħmel użu is-servizzi tagħha.

Din l-imputazzjoni titnissel mis-segwenti stqarrijiet tal-konvenuta li saru f'iktar minn pubblikazzjoni waħda:-

(i) "*Avoid this place at all costs if you love your pet!*"

(ii) "*... the nightmare I had with these so-called 'veterinarians' especially 'Dr' Victoria Bondin. For me they are nothing more than irresponsible, unprofessional and ignorant people. All they do is for money not the well-being of the animal. ...*"

(iii) "*Why don't you close the doors instead of posting this crap. You "dr" Victoria Bondin took out all of my dog's teeth without my consent. You are so irresponsible and have no professionalism (sic.) whatsoever. I will never stop showing the world what you did to my dog!*"[11]

(iv) "*... they dont take good care of our dear pets, believe me, all they see is money*"[12]

---

[11] Pets & Vets Veterinary Clinic, 14 ta' Jannar 2021.

[12] Pets & Vets Veterinary Clinic's Post, 14 ta' Jannar 2021.

(v) *"Avoid this veterinary clinic at all costs. Crazy "doctors" pretending to take care of our most loved pets.*"

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-attriċi hija identifikata b'isimha fil-pubblikazzjonijiet kollha fejn saru l-istqarrijiet fuq ċitati u għalhekk mhemmx dubju li hija l-attriċi s-soġġett tal-istess stqarrijiet u tal-imputazzjoni li tinsilet minnhom. F'kull każ, il-konvenuta ma tiċħadx li l-kummenti tagħha huma indirizzati fil-konfront tal-attriċi.

Il-konvenuta referiet għall-attriċi f''uħud mill-pubblikazzjonijiet esebiti mill-attriċi bħala ***"Dr"*** *Victoria Bondin*"[13] u bħala "*these* ***so-called "veterinarians"*** *especially* ***"Dr"*** *Victoria Bondin*"[14]. Iżda l-Qorti ma taqbilx li l-imputazzjoni f'dawn l-istqarrijiet hi li l-attriċi m'hijiex kwalifikata fil-professjoni veterinarja jew li teżerċita l-professjoni mingħajr il-kredenzjali meħtieġa, u tqis li huwa evidenti li dawn l-istqarrijiet ġew imfasslin b'dan il-mod biex iwasslu t-ton ironiku tal-konvenuta - xprunat bla dubju mill-esperjenza ħażina li għaddiet minnha - dwar **il-kapaċitajiet**, **anizicche' l-kwalifiki akkademiċi**, tal-attriċi.

Għandu jingħad illi f'termini ġenerali, l-imputazzjoni li professjonist jeżerċita l-professjoni tiegħu b'nuqqas ta' kompetenza u responsabbilita' u għal motivi ulterjuri, hija waħda li hija kapaċi tagħmel ħsara serja lir-reputazzjoni ta' dik il-persuna. In materja, jinsab ritenut illi imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role.*", huma kkunsidrati bhala diffamatorji.

Fid-deċiżjoni fil-każ **Drumond-Jackson v. British Medical Association** (1970) 1 WLR 688 (CA), 700, Lord Pearson emfasizza l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut illi fil-każ ta' imputazzjonijiet li jsiru fil-konfront ta' negozjanti jew persuni li jipprattikaw professjoni, stqarrijiet jistgħu jkunu diffamatorji anke jekk "*they do not impute any*

---

[13] Emfasi tal-Qorti.
[14] Emfasi tal-Qorti.

*moral fault or defect of personal character*" meta per eżempju jimputaw "*lack of qualification, knowledge, skill, capacity, judgement or efficiency in the conduct of his trade or business or professional activity*."

Gatley[15], in tema ta' stqarrijiet li jolqtu l-kondotta jew kompetenza professjonali, diversament mill-karattru, tal-persuna aggravata, jgħid hekk:-

"*Where words deingrate the claimant's business or professional capacity they may be defamatory even though they in no way reflect on the <u>character</u> of the claimant. ... it has been suggested that the correct approach is to ask whether the tendency of the words is to convey to the reader that the claimant's fitness or competence falls short of what are generally necessary for the business or profession.*"

Jgħid ukoll:-

"*It is defamatory to impute that a person is unfit for this profession or calling owing to want to ability, mental stability, learning or some other necessary qualification or that he has been guilty of any dishonest or disreputable conduct or any other misconduct or inefficiency therein*"[16]
u
"*It is defamatory to impute to a doctor want of proper qualification for his professsion. It is defamatory to publish of a doctor that he has caused the death or illness of a patient by reckless or careless treatment or that he has displayed gross ignorance in the treatment of a patient.*"[17]

Il-Qorti tqis li bl-istqarrijiet tal-konvenuta, il-qarrej ordinarju malajr jifhem illi l-attriċi m'hijiex kompetenti u idonea biex teżerċita l-professjoni ta' tabib veterinarju għaliex teżerċita din il-professjoni b'nuqqas ta' responsabbilita' u ħila u mingħajr l-integrita' mistennija minn persuna professjonali. Billi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet

[15] **On Libel and Slander**, 2013 Ed.
[16] *Ibid.* 2.37, page 82.
[17] *Ibid.,* 2.43, page 88.

tal-konvenuta hi ta' inkompetenza serja fil-konfront ta' persuna fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha li hija inerentement kapaċi tolqot negattivament l-għajxien tagħha mill-professjoni il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni hi kapaċi tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni professjonali tal-attriċi u konsegwentement, għandha titqies li hija diffamatorja għall-finijiet tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579)[18].

Ikkunsidrat;

Jirriżulta wkoll illi l-istqarrijiet tal-konvenuta li jwasslu l-imputazzjoni diffamatorja, ilkoll su-ċitati, jikkonsistu mhux fi stqarrijiet ta' fatt iżda fid-dikjarazzjoni tal-opinjoni tal-konvenuta bbażata fuq il-fatti minnha rakkontati. Fil-fatt, huma tabilħaqq l-istqarrijiet appena ċitati li jikkostitwixxu d-dikjarazzjoni tal-opinjoni li minnha titnissel l-imputazzjoni impunjata.

"*Sometimes, it is difficult to distinguish an allegation of fact from an expression of opinion. It often depends on what is stated in the rest of the article. If the defendant accurately states what some public man has really done, and then asserts that such conduct is disgraceful, this is merely the expression of his opinion, his comment on the plaintiff's conduct. So, if without setting it out, he identifies the conduct on which he comments by a clear reference. In either case, the defendant enables his readers to judge for themselves how far his opinion is well-founded; and therefore,what would otherwise have been an allegation of fact becomes merely a comment.*"[19]

Għall-bqija, il-pubblikazzjonijiet tal-konvenuta li jirriżultaw mill-atti proċesswali[20], jikkonsistu kollha kemm huma f'rakkont ta' dak li seħħ b'rabta mal-intervent li sar fuq il-kelb tal-konvenuta fil-5 ta' Jannar 2021 u wara li rat ix-xhieda u l-provi

[18] Jirriżulta illi l-Kunsill tal-Kirurgi Veterinarji intervjena f'dan l-episodju għaliex irċieva lment mingħand il-konvenuta fir-rigward tas-servizzi veterinarji reżi lilha mill-attriċi, u mhux b'riżultat tal-pubblikazzjonijiet impunjati mill-attriċi.

[19] Odgers on Libel and Slander, 6th Ed. Ċitat f'Landmark Cases in Defamation Law, Edited by David Rolff (2021 Ed.) p.88.
[20] Paġni 29 sa 45 tal-atti tal-kawża (Dok. C).

proċesswali l-Qorti tqis illi **l-fatti mistqarra mill-konvenuta, diversament mid-dikjarazzjonijiet tal-opinjoni tagħha**, f'dawn il-pubblikazzjoni in dizamina, mhux biss ma jwasslu ebda imputazzjoni, ħlief li għaddiet minn esperjenza kerha meta l-kelba tagħha ħarġet minn intervent kirurġiku dentali mingħajr snien (wisq inqas imputazzjoni diffamatorja), iżda huma wkoll sostanzjalment korretti.

Dan qed jingħad wara li l-Qorti siltet mix-xhieda u l-provi proċesswali, is-segwenti fatti:-

- Il-konvenuta kienet għamlet appuntament fil-klinika tal-attriċi għall-5 ta' Jannar 2021 bil-ħsieb li jsir intervent kirurġiku għat-tindif tas-snien tal-kelb tagħha.

- Is-snien tal-kelba tal-konvenuta jidher li kienu fi stat ferm ħażin b'diversi minnhom diġa' mħassrin. Kien diġa' ġie kostatat ftit iktar minn sena qabel, fis-7 ta' Novembru 2019, li l-kelba kellha numru ta' snien li kienu jeħtieġu jinqalgħu u l-konvenuta ngħatat parir biex tagħmel appuntament għal intervent kirurġiku[21], rakkomandazzjoni li ġiet riaffermata ftit ġimgħat qabel l-intervent fejn ġiet riskontrata marda periodontali severa u l-konvenuta ngħatat parir biex tagħmel appuntament għal proċedura dentali[22].

- Qabel saret l-operazzjoni fil-5 ta' Jannar 2021, sar *pre-op exam* fuq il-kelba tal-konvenuta fejn ġie spjegat lilha l-proċedura li kellha titwettaq fuq il-kelba u fejn il-konvenuta ġiet mitluba tiffirma *Consent Form for Surgery*[23] bis-segwenti dikjarazzjonijiet da parti tagħha:-

  "*I hereby declare that the above facts are true to the best of my knowledge. I authorise xthe above-named veterinarian and his/her staff to perform the treatment/*

[21] Discharge instructions: *"for dental cleaning + extractions"* – Dok. A, paġna 16 tal-atti tal-kawża.
[22] *"... advised to make sure her stomach upset clears before scheduling dental"* - Dok. A paġna 16 tal-atti tal-kawża.
[23] Paġna 19 tal-atti tal-kawża.

*procedures described herein. I have been informed of the reasons for the treatment/procedures, as well as the expected benefits and/or risks involved. I understand that unforeseen conditions may require an extension of a planned procedure or operation. I hereby authorize the performance of such procedures or operations as are necessary and advisable in the professional judgement of the veterinarian. I understand that and I assume all risks.*

*I understand that some risks always exist with anaesthesia and/or surgery. I understand that there are rare complications associated with any anaesthetic or surgical procedure. I have been advised that there is a small risk of death, complications, or side effects every time an anaesthetic is used. I acknowledge these risks and understand that the veterinarians and staff will try to minimize such risks. I will not hold Pets & Vets Clinic, the veterinarians or any staff member liable for any complications that may arise.*"

- Waqt l-operazzjoni, instab li s-snien kienu kollha deterjorati, bl-għeruq esposti tant illi wħud minnhom bdew jinqalgħu mat-tindif. L-attriċi xehdet illi ħadet "*id-deċiżjoni li s-snien għandhom jinqalgħu kollha għaliex jekk ma jsirx hekk, il-kelba kienet ser tbati. Ma kelli l-ebda dubju f'moħħi li dawn kellhom jinqalgħu."* Fil-fatt, is-snien kollha nqalgħu waqt l-operazzjoni u l-kelba spiċċat mingħajr snien.

- Ma jirriżultax li sar X-ray tas-snien tal-kelb iżda l-attriċi kkonfermat, b'mod inkontestat, illi s-snien fil-ħalq tal-kelb kienu jidhru minnufih li kienu mħassrin u ma kienx hemm bżonn li wieħed jara x'hemm taħt.

- Filwaqt li hemm qbil illi l-konvenuta kienet staqsiet biex tara s-snien li kienu nqalgħu, dawn kienu laħqu ntremew.

- Il-kelba tal-konvenuta spiċċat ma tistax tiekol ħlief ikel likwidu u minħabba n-nuqqas ta' snien, ilsienha tperper barra minn ħalqha permanentement.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta ma qajmitx l-eċċezzjoni tal-opinjoni onesta iżda fissret fil-paragrafi 2a u 2b tar-Risposta tagħha, illi dak li ġie pubblikat minnha huwa l-verita'.

Id-difiża tal-verita' hija maħsuba fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 579:-

*4. (1) (a) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-imputazzjoni li tkun saret bi stqarrijiet li dwarhom sar l-ilment huma sostanzjalment veri.*

Issa kif ġie diġa' stabbilit, l-imputazzjoni diffamatorja li ġiet identifikata mill-Qorti, titnissel mhux mill-istqarrijiet ta' fatt fil-pubblikazzjonijiet tal-konvenuta, liema fatti kif diġa' stabbilit, ma jwasslu ebda imputazzjoni, iżda minn dikjarazzjonijiet ta' opinjoni li permezz tagħhom il-konvenuta esprimiet il-fehma tagħha dwar il-fatti li seħħew.

Huwa ritenut illi meta l-istqarrija impunjata mhix stqarrija ta' fatt iżda kumment ossia dikjarazzjoni ta' opinjoni, m'huwiex mistenni illi tiġi ppruvata l-verita` ta' kull fatt jew kelma, għaliex huwa diffiċli jekk mhux impossibbli li tiġi ppruvata l-verita' ta' opinjoni. Madanakollu jibqa' l-obbligu illi jintwera illi l-kumment huwa xprunat minn fatti li huma sostanzjalment veri.

*"... a careful distinction needs to be made between facts and value judgments. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value judgments is not susceptible of proof (see De Haes and Gijsels, cited above, p. 235, § 42, and Harlanova v. Latvia (dec.), no. 57313/00, 3 April 2003).*

*99. Admittedly, where allegations are made about the conduct of a third party, it may sometimes be difficult, as in the instant case, to distinguish between assertions of fact and value judgments. Nevertheless, even a value judgment may be excessive if it has*

*no factual basis to support it (see Jerusalem v. Austria, no. 26958/95, § 43, ECHR 2001-II).”*[24]

Il-konvenuta fix-xhieda tagħha fissret espressament illi fil-mira tal-kritika tagħha fil-pubblikazzjonijiet impunjati u l-bażi tal-kummenti tagħha, huwa **n-nuqqas tal-attriċi li tgħarrafha tempestivament bil-ħtieġa li jinqalgħu s-snien kollha tal-kelb waqt proċedura li kienet intiza prinċipalment għat-tindif tas-snien**. Għalhekk qabel tistħarreġ il-verita' sostanzjali tad-dikjarazzjonijiet tal-opinjoni tal-konvenuta li, kif stabbilit iwasslu imputazzjoni diffamatorja għall-attriċi, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attriċi naqset milli tgħarrafha tempestivament bil-ħtieġa li jinqalgħu s-snien kollha tal-kelb, hijiex sostanzjalment korretta.

Blackstone, fir-rigward tad-difiża tal-verita' qabel ġie fis-seħħ id-Defamation Act UK (2013), jgħid hekk:-

“*... a defendant was not required to prove the literal truth of every statement complained of: it was enough to establish the essential or substantial truth of the central defamatory ‘sting’ of the words. Thus a plea of justification*[25] *could succeed even if other, immaterial details in the offending statement were not proved to be true.*”[26]

Il-prinċipji li huma relevanti u applikabbli għall-fini tat-tifsira tal-frażi “*imputazzjoni ... sostanzjalment ver*(a)” fl-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama huma l-istess prinċipji li kienu relevanti għad-difiża tal-ġustifikazzjoni li kienet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att u tajjeb li jingħad ukoll li din id-dispożizzjoni legali hija riproduzzjoni identika tad-dispożizzjoni relattiva taħt id-Defamation Act UK (2013).

---

[24] **Cumpănă and Mazăre v. Romania**; App. 33348/96, deciz 17 ta' Dicembru 2004.

[25] Kif kienet magħrufa din id-difiża qabel id-daħla fis-seħħ tad-Defamation Act, 2013 u l-leġislazzjoni korrispondenti domestika, fl-Artikolu 4(1) tal-Kap. 579.

[26] ***Blackstone's Guide to the Defamation Act,*** 2013 (Oxford University Press), 3.02, p. 28.
Skont Gately *ibid.: "The requirement that the defendant need prove only the substantial truth of what has been published entails that a defence of truth may succeed even though the publication was inaccurate in a number of respects. If the defendant can prove that the main charge or gist of the libel is true, a light inaccuracy in one or more of its details will not prevent him from succeeding in a defence of truth*."

Dawn il-prinċipji ġew sintetizzati hekk per Nicklin J fid-deċiżjoni reċenti **f'Bokova v Associated Newspapers Ltd** [2018] EWHC 2032 (QB), [2019] QB 861, [28][27]:-

*"(i) A defendant must show the relevant defamatory imputation is "substantially true": section 2(1). The Explanatory Notes to the Act refer to the Court of Appeal's decision in Chase v News Group Newspapers Ltd [2003] EMLR 11, para 34: 'the defendant ... has to establish the 'essential' or 'substantial' truth of the sting of the libel. To prove the truth of some lesser defamatory meaning does not provide a complete defence.'*
*(ii) The court should not be too literal in its approach. Proof of every detail is not required where the relevant fact is not essential to the sting of the publication: ... The task is 'to isolate the essential core of the libel and not be distracted by inaccuracies around the edge – however extensive*."

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-ħtieġa li jinqalgħu xi snien kienet diġa' prevista ftit ġimgħat qabel l-operazzjoni, kif ukoll fid-*discharge instructions* mogħtija fis-7 ta' Novembru 2019: "*advise to book and appointment for surgery (**for dental cleaning + extractions**)*."[28] Għalkemm il-konvenuta xehdet illi fiż-żewġ appuntamenti li attendiet preċedentement, l-ebda veterinarju fil-klinika ma kien qalilha li l-kelba kellha snienha mmermrin u kellhom bżonn jinqalgħu, il-Qorti meta rat in-notamenti u speċifikatament id-*discharge instructions* tas-7 ta' Novembru 2019 u wara li semgħet ix-xhieda ta' Dr. Helen Mower Hanlon, issibha ferm diffiċli temmen li l-konvenuta ma kienetx konxja tal-istat imwiegħra tas-snien tal-kelb tagħha u lanqas m'hi konvinta bil-verżjoni tal-istess konvenuta illi f'ebda waħda miż-żewġ appuntamenti preċedenti, il-veterinarju li kien eżamina l-kelba ma kienx infurmaha dwar l-istat tas-snien u l-ħtieġa ta' tindif jew li jinqalgħu xi snien.

---

[27] Imbagħad, f'deċiżjoni iktar reċenti, **Riley v Murray** [2021] EWHC 3437 (QB), [2022] EMLR 8 at [51] ġie wkoll riaffermat is-segwenti prinċipju:- *"... In deciding whether any given defamatory imputation is substantially true, the court will have well in mind the requirement to allow for exaggeration, at the margins, and have regard in that context also to proportionality. Having regard to its overall gravity and the relative significance of any elements of inaccuracy or exaggeration, has the substantial sting been proved?"*
[28] Emfasi tal-Qorti.

Fil-fatt, fix-xhieda tagħha l-attriċi insistiet li hija kienet infurmat lill-konvenuta kienet taf bil-problema tas-snien tal-kelba, stqarrija li ġiet affermata minn Dr. Helen Mower Hanlon li xehdet li "*she was recommended to so a dental on her dog, cause her dog already was seen to have severe periodontal disease*". Dan hu ulterjorment sostanzjat mill-fatt illi fin-notamenti dwar l-appuntament tas-16 ta' Diċembru 2020, jinsab iddokumentat illi "*advised to make sure her stomach upset clears before scheduling dental*": parir li jirriżulta illi ngħata lill-konvenuta minn Dr. Helen Mower Hanlon tliet ġimgħat qabel l-operazzjoni. Kemm hu hekk, l-intervent ġie skedat biss għal ftit ġimgħat wara u fil-qies ta' dan kollu l-Qorti hi sodisfatta, anke minħabba l-fatt li l-kelba kienet għadha żgħira fl-eta', illi kuntrarjament għal dak li xehdet, il-konvenuta kienet ġiet avżata bl-istat ħażin tas-snien tal-kelba tagħha u bil-possibbilita' tal-estrazzjoni ta' snien oħrajn. Fil-fatt, jirriżulta mix-xhieda tal-attriċi illi waqt l-intervent innifsu, ġie notat li l-kelba kellha diversi snien neqsin, tmienja b'kollox, għaliex kienu diġa' waqgħu waħedhom, stat ta' fatt li jirriżulta mid-dokument intestat "*Dental assessment*". Diffiċilment jitwemmen li l-konvenuta ma kienetx konxja li l-kelba tagħha kellha diversi snien neqsin.

**Għalhekk mhux fattwalment korretta d-dikjarazzjoni tal-konvenuta li kienet ħadet il-kelb biss għal tindif tas-snien** u li l-attriċi "*ma kienetx infurmatni qabel illi* (l-estrazzjoni) *jaf li tkun possibbilita', speċjalment meta l-appuntament ta' Molly kien biss għal tindif*". L-imsemmija dikjarazzjoni tal-konvenuta hi ulterjorment kontradetta minn dak li jirriżulta li ġie imniżżel fuq il-*Consent Form* ċioe' li l-proċedura li kellha titwettaq fuq il-kelb ġiet deskritta bħala "*Dental + Extraction*". Dan għall-Qorti jfisser illi fl-intervent li kien ser jitwettaq fuq il-kelb kien diġa' maħsub li jsir xi xorta estrazzjoni tas-snien - ħaġa li kellha tkun ovvja għall-konvenuta meta, kif diġa' stabbilit, hi kienet taf bl-istat ħażin tas-snien tal-kelb tagħha tant illi jirriżulta li kienet xtrat prodotti għall-kura tas-snien in segwitu għall-appuntament tas-7 ta' Novembru 2019[29] fejn id-*discharge instructions*, li kienu stampati fuq l-invoice tax-xiri tal-

---

[29] Dok. A (paġna 16 tal-atti tal-kawża) u DOk. B (Paġan 21 tal-atti tal-kawża). Ara wkoll xhieda ta' Dr. Victoria Bondin in kontro-eżami, 6 ta' Lulju 2022.

prodotti għall-kura tas-snien, jispeċifikaw "*advise to book an appointment for surgery (for dental cleaning + extractions*). ***Multo magis*** **kienet taf bil-ħtieġa ta' estrazzjonijiet ta' snien iktar minn sena wara**.

Fix-xhieda tagħha l-konvenuta allegat li meta ffirmat il-*Consent Form* ma kienx hemm miktub fuqu "*Dental + Extraction*" u insistiet li hija qatt ma suġġeriet xi xorta ta' estrazzjoni ta' snien il-kelba tagħha. Madankollu l-Qorti ma tqisx li tista' tagħti xi affidabbilita' lil din l-allegazzjoni meta huwa evidenti li l-kliem "*Dental + Extraction*" miktuba fuq il-Consent Form kien meħtieġ mhux biss biex jiġi deskritt ix-xorta ta' intervent li kien ser isir fuq l-annimal ("***Procedure required****: Dental + Extraction*"[30]) iżda wkoll biex jinkiseb mingħand sid l-annimal il-kunsens sabiex issir proprju dik il-proċedura speċifika.

Barra dan il-fatt illi minkejja l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-kliem imsemmija ġew mizjuda wara li kienet iffirmat id-dokument, ma jirriżultax illi hija talbet li jiġi esebit l-oriġinal tal-*Consent Form*, lanqas meta l-kopja esebita fl-atti ġiet konfermata minn Dr. Helen Mower Hanlon bħala kopja tal-oriġinal. Il-Qorti tistenna li jekk il-konvenuta kienet qiegħda tikkontesta bis-serjeta' l-awtentiċita' tad-dokument esebit in atti, kienet titlob, *de minimis* li jiġi prodott l-oriġinal iżda dan ma sarx, tant illi ix-xhieda ta' Dr. Helen Mower Hanlon baqgħet ma ġietx kuntrastata għaliex il-konvenuta rinunzjat għad-dritt li tressaq lil din ix-xhud biex tixhed in kontro-eżami[31].

Inoltre, kif diġa' ngħad, il-konvenuta iffirmat matul din l-istess proċedura, dikjarazzjoni li biha mhux biss affermat li hija fehmet li **seta' jkun il-każ li l-proċedura tiġi estiża għal ħtiġiet oħrajn li jinqalgħu matul l-intervent innifsu, iżda wkoll awtorizzat speċfikatament illi jitwettqu dawk il-proċeduri kollha li fil-fehma professjonali tal-veterinarju, ikunu meħtieġa u rakomandabbli li jsiru waqt l-intervent**. Ma jirriżultax lanqas li l-konvenuta kienet tat struzzjonijiet espressi jew speċifiċi biex ma jinqalgħux xi snien tal-kelba, u l-fatt li jista' jkun li hija ma

[30] Emfasi tal-Qorti.
[31] Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2022, ix-xhud Dr. Helen Mower Hanlon dehret għall-kontro-eżami iżda l-avukati tal-konvenuta ddikjaraw li qegħdin jirrinunzjaw għall-kontro-eżami tagħha.

suġġerietx li jinqalgħu xi snien huwa irrelevanti meta wieħed iqis il-kontenut tal-*Consent Form* li hija ffirmat.

Iżda fuq kollox, jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Helen Mower Hanlon illi hija kienet spjegat lill-konvenuta l-proċedura li kienet sejra titwettaq u l-import tal-awtorizzazzjoni li kienet qiegħda tagħti permezz tal-*Consent Form*. Dr. Helen Mower Hanlon xehdet illi hija kienet spjegat lill-konvenuta waqt dak li hija sejħet il-"*pre-op exam*", kemm il-kontenut tal-*Consent Form* kif ukoll il-proċedura involuta: "*... since she was scheduled for a dental, I explained what the dental involves, obviously in dogs and in all animals it's not like in humans where you can do it as an awake procedure, they have to be sedated and under general anaesthetic. ... I can't remember her asking me specifically how many teeth would be extracted or anything but you could never know until you've done the full cleaning and you can evalutate the teeth better and you can see what needs to be done.*" Kif rajna, din ix-xhieda u speċifikatament il-fatt illi l-kontenut tal-*Consent Form* ġie mfisser lill-konvenuta, baqgħet ma ġietx kontradetta mill-provi li ressqet il-konvenuta.

Huwa minnu li fl-*Appointment Summary* (Dok. LM1[32]) ma sar ebda referenza għal estrazzjoni tas-snien iżda mill-provi jirriżulta illi d-deskrizzjoni tal-appuntament tinkiteb mir-*receptionist* **fuq struzzjonijiet tal-klient** meta jitlob li jiġi skedat l-appuntament. Fil-fatt, kif ġie mfisser fix-xhieda ta' Dr. Helen Mower Hanlon, l-annimal jiġi eżaminat matul il-*pre-op exam* proprju biex jiġi determinat x'hemm bżonn isir matul l-intervent. Ikkonfermat ukoll illi dan il-*pre-op exam* mhux biss sar fil-każ in diżamina iżda matulu ġie identifikat il-ħtieġa li jsir xi xorta ta' estrazzjoni ta' snien.

**Għaldaqstant, mhux fattwalment korretta d-dikjarazzjoni tal-konvenuta li ma ġietx mgħarrfa preventivament bil-ħtieġa li ssir estrazzjoni.**

[32] Paġna 59 tal-atti tal-kawża.

Il-konvenuta xehdet ukoll, u din hija tabilħaqq waħda mill-istqarrijiet li għamlet fil-pubblikazzjonijiet impunjati, illi hija stenniet li tiġi mgħarrfa preventivament bil-possibbilita' li jinqalgħu is-snien **kollha** tal-kelba tagħha matul l-intervent u li l-kelba setgħet tispiċċa mingħajr snien, għaliex f'dik l-eventwalita' kienet tfittex parir ieħor.

Għalkemm dan ċertament kien ikun deżidrabbli, il-Qorti fehmet ukoll illi d-deċiżjoni li sinna tinqala' o meno tittieħed matul l-intervent innifsu meta l-kelb ikun illoppjat u mhux qabel. Fil-fatt, Dr. Helen Mower Hanlon, korroborata pjenament mill-attriċi, xehdet hekk fir-rigward tal-proċedura li saret fuq il-kelba tal-konvenuta:- "*It involves giving all the teeth a good clean ... you cannot evaluate the roots until you have actually done the full cleaning of the teeth and they you evaluate if there are any pockets or anything and any roots that are exposed or rotten teeth, those are extracted in the same procedure.*"

Minn dan jirriżulta li m'hijiex fattibbli l-ipotesi li l-intervent jitwaqqaf nofs triq biex jinkiseb il-kunsens, imbagħad verbali, tas-sid tal-kelb f'każ li kellu jirriżulta waqt l-intervent, il-ħtieġa li jinqalgħu s-snien kollha jew l-maġġoranza tagħhom. Fil-fatt il-Qorti fehmet illi l-*Consent Form for Surgery* huwa maħsub sewwasew biex jilqa' għall-eventwalitajiet bħal dawn, fejn irid jittieħed deċiżjoni minnufih mill-kirurgu fl-aħjar interess tal-kelb meta din id-deċiżjoni tista' tmur lil hinn mill-parametri oriġinali tal-intervent. **Fi kwalsiasi każ il-Qorti ma tqisx illi d-deċiżjoni li jiġu maqlugħa s-snien kollha deterjorati u mħassrin kienet tmur lil hinn mill-iskop tal-intervent meta kif stabbilit, il-konvenuta tat il-kunsens tagħha biex issir kirurġija *inter alia* għal estrazzjonijiet tas-snien**.

Għandu jingħad ukoll illi l-konvenuta baqgħet ma wrietx li kien hemm snien li nqalgħu bla bżonn u setgħu jiġu salvati, jew li l-intervent seta' jsir b'suċċess mingħajr il-ħtieġa li jinqalgħu is-snien kollha tal-kelb. Konsegwentement, hija nieqsa l-prova li d-deċiżjoni tal-attriċi li s-snien kollha kellhom jinqalgħu, ma kienetx waħda medikalment jew proċeduralment tajba jew konsiljabbli.

**Dan kollu magħdud ifisser li mhux fattwalment korretta u lanqas hija raġjonevoli l-istqarrija tal-konvenuta li l-attriċi qalgħet is-snien kollha tal-kelb tagħha mingħajr ma kisbet il-kunsens li tagħmel dan**. Kif stabbilit il-ħtieġa jew talanqas, il-possibbilita' li jinqalgħu xi snien kienet prevista u jirriżulta wkoll sodisfaċjentement mill-provi illi l-konvenuta kienet konsapevoli dwar dan[33].

Il-korollarju ta' dan kollu hu li l-imputazzjoni li titnissel minn dawn l-istqarrijiet mhux fattwalment korretti tal-konvenuta, ma tistax titqies li hija sostanzjalment vera. Kif rajna, mhux meħtieġ li tiġi stabbilita l-verita' ta' kull fatt li fuqu jinsab imsejsa l-imputazzjoni malafamanti: dak li huwa meħtieġ hu li jiġi stabbilit il-verita' sostanzjali tal-essenza tal-malafama. Iżda f'dan il-każ, il-konvenuta naqset milli turi l-verita', lanqas dik sostanzjali, tad-dikjarazzjonijiet malafamanti tagħha u speċifikatament, l-imputazzjoni li l-attriċi hi inkompetenti, bla ħila u irresponsabbli u jinteressaha biss il-flus u mhux il-benessere tal-annimal, mhux sorretta bl-ebda mod mill-provi, anzi hi eskluża.

Ikkunsidrat;

Illi dan premess, għandu jingħad ukoll li l-Qorti tifhem li l-konvenuta kienet maħsuda u wkoll ddispjaċuta ferm bl-eżitu tal-operazzjoni fejn inqalgħu is-snien kollha tal-kelba tagħha u kienet bla dubju qiegħda titħassar il-kelba tagħha li spiċċat f'din is-sitwazzjoni. Miżmum dan ferm, taqbel illi l-konvenuta kienet ġustifikata tippubblika l-esperjenza u l-emozzjonijiet tagħha fir-rigward u tfisser il-qagħda pjetuża li fiha spiċċat il-kelba tagħha b'ilsienha imdendel barra minn ħalqha b'mod permanenti. **Iżda ma taqbilx li kellha l-jedd iżżeblah lill-attriċi u tgħajjarha li hija veterinarju <u>irresponsabbli, inkompetenti jew li mhux f'sensiha</u>. Il-fatti li jirriżultaw mill-atti u mill-provi ma jurux li l-attriċi mxiet b'mod irresponsabbli jew b'nuqqas ta' ħila meta qalgħet is-snien kollha li kien għad fadlilha l-kelba tal-konvenuta u jew naqset milli tgħarraf lill-konvenuta speċifikatament u preventivament bil-**

[33] In parentesi, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-argoment tal-konvenuta hija nieqsa mil-loġika għaliex hi msejsa unikament fuq il-fatt li s-snien inqalgħu kollha u mhux li nqalgħu kollha għajr waħda jew tnejn.

**possibbilita' li jista' jeħtieġ li jinqalgħu is-snien kollha. Ma ntweriex lanqas li l-attriċi hija inkompetenti fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha, wisq inqas li hija motivata biss minn flus jew li mhux f'sensiha.**

Għall-kuntrarju, il-Qorti fehmet li l-ħalq tal-kelb kien fi stat ħażin ħafna u kien ilu jiddeterjorja fuq medda ta' iktar minn sena – fatt li kif stabbilit kien magħruf lill-konvenuta - u kien tabilħaqq l-estrem tal-kundizzjoni tal-ħanek u snien li wassal lill-attriċi tipproċedi kif għamlet. Tfakkar fix-xhieda tal-attriċi li bosta mis-snien kellhom il-għeruq jidhru u tant kienu deterjorati li kellhom jinqalgħu kollha għaliex inkella l-kelba kienet ser tbati, u fil-fatt illi f'kull każ, ma nġiebet ebda prova li l-kundizzjoni tal-ħalq tal-kelba ma kienetx tiġġustifika l-miżura estrema li effettivament ittieħdet mill-attriċi.

Abbażi tal-fatti li għandha quddiemha u minkejja li l-konvenuta ma sollevatx bħala linja difensjonali l-opinjoni onesta, il-Qorti ma tqisx li persuna onesta, armata bil-fatti kollha fuq stabbilit, setgħet raġjonevolment tasal biex tesprimi l-fehma li esprimiet il-konvenuta illi l-attriċi m'hijiex kompetenti u bla ħila tant li jeħtieġ li l-pubbliku jiġi mwissi biex ma juża qatt is-servizzi tagħha. Wisq inqas ma juru l-fatti illi l-attriċi tinteressaha biss mill-flus u mhux mill-benessere tal-annimali pazzjenti tagħha biss għaliex bħalma huwa solitu prassi, intalab il-ħlas tal-ispejjeż tal-intervent qabel il-pazzjent joħroġ mill-klinika u jew għaliex ħadet id-deċiżjoni li effettivament ħadet waqt l-operazzjoni. Deċiżjoni li, kif rajna, ma ntweriex li kienet ħażina jew skonsiljata minn perspettiva medika.

Huwa minnu li għalkemm il-konvenuta talbet li tingħata s-snien li kienu nqalgħu matul l-operazzjoni, dawn kienu spiċċaw intremew u ma setgħetx minħabba f'dan tikseb parir ta' veterinarju ieħor. Iżda anke dan il-fatt ma jiġġustifikax l-imputazzjoni li l-attriċi mexiet b'nuqqas ta' professjonaliżmu jew hija irresponsabbli u li mhijiex interessata fl-annimali li tikkura. Ma jirriżultax lanqas - għaliex mhemmx prova - li l-

attriċi kienet marbuta jew mistennija li żżomm is-snien li jkunu nqalgħu waqt l-intervent jew li din hija prassi aċċettata jew standard fil-kirurġija dentali veterinarja.

Anke l-fatt illi l-attriċi segħtet ma ftakritx l-iskop preċiż tal-intervent li wettqet fuq il-kelb tal-konvenuta u saqsiet jekk dan kienx sar għaliex kellha żaqqha tuġagħha, mhux biżżejjed biex jissawwar raġjonevolment il-fehma li l-attriċi hija bla ħila jew irresponsabbli, partikolarment meta jirriżulta li fiż-żewġ appuntamenti qabel l-intervent tal-5 ta' Jannar 2021, il-kelba tal-konvenuta kienet invistata sewwasew in konnessjoni ma' problemi fl-istonku.

**Illi l-Qorti taqbel illi huwa l-jedd ta' kull individwu li jifforma opinjonijiet u jesprimihom lil ħaddieħor u għandu dritt ukoll jirrejaġixxi u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru b'mod soġġettiv, anke jekk f'dan il-proċess ikun wasal għal konklużjonijiet mhux korretti:** "*the right to make honest but derogatory expressions of opinions on such matters was and is an important safeguard for freedom of expression*".[34] Fil-fatt, kif ingħad, il-konvenuta kellha u għandha kull dritt tinħasad bl-eżitu tal-operazzjoni u li tkun imdejqa bid-deċiżjoni tal-veterinarju kif ukoll diżappuntata mis-servizz li ngħatatlha fir-rigward, bħalma għandha kull jedd tesprimi pubblikament l-opinjoni tagħha dwar il-fatti kif ġew perċepiti minnha b'rabta ma' dan il-każ.

Iżda fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti mhux sodisfatta li fil-kummenti tal-konvenuta huwa ravviżabbli bażi fattwali sostanzjali biżżejjed biex jitqiesu li huma xprunati mill-verita' u minn sens ta' onesta' u biex b'hekk jiġġustifikaw il-ħsara serja li dawn l-istess kummenti huma kapaċi jirrekaw lir-reputazzjoni professjonali tal-attriċi. Il-kummenti tagħha u l-imputazzjonijiet li jnisslu, konsistenti f'żebliħ bla tlaqliq tal-kompetenza u motivi tal-attriċi fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha, huma wisq eċċessivi meta jitqiesu fl-isfond tal-fatti li jirriżultaw mill-atti u mill-provi u bħala tali l-Qorti ma taqbilx li jirrappreżentaw xejra ta' verita'. Konsegwentement, l-eċċezzjoni tagħha ma jistħoqqlhiex tintlaqa'.

---

[34] **Joseph v. Spiller**, Lord Phillips, 2010, UKSC, 53 (2011) A.C. 852.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni morali dovuti lill-attriċi minħabba l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet diffamatorji tal-konvenuta, il-Qorti qieset diversi fatturi fosthom il-fatt in-natura serja tal-imputazzjonijiet li ġie stabbilit li huma diffamatorji, ċioe' l-imputazzjoni li l-attriċi mhijiex kompetenti fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħha u hija tabib veterinarju irresponsabbli li mhux f'sensiha u m'hijiex interessata fil-kura tal-annimali. **Imputazzjonijiet li jolqtu l-qofol tal-prattika medika tagħha fejn il-pazzjenti tagħha huma annimali u għalhekk, kull imputazzjoni li hija irresponsabbli u inkompetenti fil-kura tal-annimali u ma jinteressahiex mill-benessere tagħhom, tkompli żżid il-potenzjal ta' ħsara lir-reputazzjoni professjonali tal-attriċi**.

Ħadet qies ukoll tan-numru ta' pubblikazzjonijiet li saru mill-konvenuta b'ripetitzzjoni tal-istess imputazzjonijiet malafamanti kif ukoll il-fatt li għalkemm uħud minn dawn l-istqarrijiet saru fuq profil fuq Facebook li huwa privat u aċċessibbli għall-membri, jirriżulta li dan il-grupp fih iktar minn 97,000 membru.

Huwa evidenti illi l-konvenuta naqset milli teżerċita d-diliġenza neċessarja qabel ma ppubblikat l-imputazzjonijiet ta' inkompetenza, irresponsabbilita', indifferenza, nuqqas ta' sentiment u motivi ulterjuri fil-prattika tal-professjoni tal-attriċi u kellu jkun ovvju għall-konvenuta li dawn l-imputazzjonijiet ma kellhomx bażi suffiċjenti fil-fatti tal-każ.

Il-Qorti, iżda, ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi ma ntweriex illi l-attriċi sofriet ħsara attwali lir-reputazzjoni tagħha.

**Il-Qorti tirribadixxi, kif diġa' affermat f'diversi sentenzi preċedenti, illi l-jedd ghal-liberta` tal-espressjoni ma jista' qatt jigi interpretat bħallikieku jagħti protezzjoni lil min jippubblika kif ġieb u laħaq fuq medium li huwa aċċessibbli lil**

**firxa wiesa' ta' qarrejja u aċċessibbli wkoll indefinittivament, imputazzjonijiet li huma kapaci jew li effettivament iħassru r-reputazzjoni ta' individwu mingħajr ma jwieżen u jgħarbel il-kummenti tieghu qabel ma jippubblikahom biex jara li dak li jkun qed jiġi ppubblikat huwa fattwalment korrett, talanqas in sostanza.**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi li filwaqt illi tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi fir-Risposta tagħha u filwaqt li tiċħad it-tieni eċċezzjoni, tilqa' t-talba tal-attriċi u tiddikjara li wħud mill-pubblikazzjonijiet li saru mill-konvenuta fuq il-midja soċjali f'Jannar 2021[35] jwasslu imputazzjonijiet diffamatorji fil-konfront tal-attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta LATIZIA MICALLEF (I.D. 74981M) tħallas lil DR. VICTORIA BONDIN is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) in linea ta' danni morali.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[35] Formanti parti minn Dok. C anness mal-Affidavit tal-attriċi.